**Deċiżjoni mogħtija mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-seduta 393 tas-27 ta' Ottubru 2025 dwar informazzjoni mitluba mingħand xhieda quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

Fis-Seduta 392 tat-22 ta' Ottubru 2025, eżattament wara l-ħin tal-Mistoqsijiet l-Onor. Darren Carabott talab lis-Sedja hekk:

> "**ONOR. DARREN CARABOTT:** Sur President, nagħmel referenza għal-laqgħa tal-lum tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi (PAC). Mill-25 ta' Frar 2025, il-PAC talab numru ta' dokumenti lill-Malta Film Commission, hekk kif kien qiegħed jagħmel l-investigazzjoni. Talab informazzjoni dwar €7.2 miljun li ntefqu min-naħa tal-Malta Film Commission u bih għandu jingħata d-data tal-ħlas, il-konsiderazzjoni, lil min tħallsu l-flus u kopja tal-invoices. Il-Kumitat qabel dan fil-25 ta' Frar 2025. Sal-lum l-informazzjoni li waslet għand il-PAC hija limitata biss għal breakdown tal-ammonti, u reference number. Però, l-bqija tal-informazzjoni mitluba u maqbula mill-PAC għadha ma waslitx. Intbagħtu diversi tentattivi min-naħa tal-Iskrivana tal-Kumitat, u nġibdet l-attenzjoni saħansitra lis-Segretarju Permanenti. Illum ingħatajna risposta definittiva li din l-informazzjoni mhux se tasal.
>
> Qed ngħaddi lis-Sedja kopja ta' din il-korrispondenza, flimkien mat-traskrizzjoni ta' dakinhar. Nitolbok direzzjoni għaliex quddiem il-PAC hemm entità governattiva li mhux qed tikkollabora bi sħiħ fl-għoti tal-informazzjoni."

Is-Sedja wieġbet lill-Onor. Darren Carabott hekk:

> "**L-ISPEAKER:** Għaddili kollox u nagħti direzzjoni."

Is-Sedja rat l-estratt tal-laqgħa tal-25 ta' Frar 2025, li ġie mgħoddi lilha mill-istess Onor. Carabott flimkien ma' dokumenti oħra, u fil-parti saljenti hemm miktub hekk:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Ħalli nikkjarifika dak li għedt jien biex niċċaraha. Qegħdin nitolbu għad-data tal-ħlas, il-konsiderazzjoni, lil min tħallsu l-flus u kopja tal-invoice annessa.
>
> **ONOR. ALEX MUSCAT:** Minn din l-ispjega li għandna hawnhekk qed nifhmu – għax naħseb li għadna ma tkellimniex biżżejjed fuqha – li hawn spjegazzjoni dettaljata u rendikont tal-capital expenditure tal-MFC mill-perjodu 2019 sal-2022 li jidher b'mod ċar li huwa accounted for. M'għandniex problema li over and above nagħmlu dawn il-mistoqsijiet sussegwenti."
>
> **IĊ-CHAIRPERSON:** Mhux over and above; kienet diġà fit-talba oriġinali.
>
> **ONOR. ALEX MUSCAT:** Aħna tlabna biex jagħtuna spjegazzjoni ...
>
> **IĊ-CHAIRPERSON:** Konna tlabna għall-proof of payment, imma ma waslux.
>
> **ONOR. ALEX MUSCAT:** Aħna tlabna spjegazzjoni għax uħud mill-Membri ta' dan il-Kumitat ħasbu li kien hemm xi ammont ta' capital investment li b'xi mod ġie żmarrit. Jiġifieri hawnhekk qed inserrħu rasna ...

**IĊ-CHAIRPERSON:** L-argument hawnhekk hu li, kif ġie spjegat mill-NAO, kien hemm flus li kienu ddedikati għall-kapital u ma ntefqux fil-kapital. That is the conclusion għax ovvjament ma nstabux flus fil-bank.

**ONOR. ALEX MUSCAT:** M'għandniex problema li nagħmlu mistoqsijiet sussegwenti.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Mhux sussegwenti, imma kif għamilnieha oriġinarjament."

Is-Sedja rat it-traskrizzjoni kollha ta' dik il-laqgħa tal-PAC li saret fil-25 ta' Frar 2025 kif ukoll tal-laqgħat tat-22 ta' Ottubru 2024, tal-4 ta' Frar 2025, tas-16 ta' Lulju 2025, tal-24 ta' Settembru 2025 u tal-aħħar laqgħa li fiha saret proprju t-talba lis-Sedja, jiġifieri l-laqgħa tat-22 ta' Ottubru 2025.

Is-Sedja tagħmel referenza mill-ewwel għall-aħħar laqgħa tal-PAC li saret fil-22 ta' Ottubru 2025, fejn intqal hekk:

"**ONOR. ALEX MUSCAT:** Jien qrajt x'kont ktibt u ħareġ mit-transcript. Jidher li ma kenitx ċara x'se tkun it-talba. Jien rajt x'għedt jien dakinhar stess. Għan-nom tal-Gvern qed nagħmilha ċara li dak li tlabna rċevejnieh bi breakdown ċar u dettaljat ta' fiex intefqu dawk il-fondi fuq medda ta' snin li ntefqu fihom. Reġgħet ġiet spjegazzjoni ulterjuri, apparti l-preżentazzjoni li kienet saret hawnhekk u ma nħossux li hemm għalfejn nibqgħu nġebbdu fuq din il-materja. Jiġifieri qegħdin inkunu kategoriċi.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Fil-fatt hawnhekk kellna spjega ta' xi jfisser commitment number għas-servizz tal-pagament."

Imbagħad l-Onor. Alex Muscat qal:

"**ONOR. ALEX MUSCAT:** Mhux qed niftiehmu. Aħna għamilna mistoqsija u għandna t-tweġiba; taqbel u ma taqbilx ma' dik it-tweġiba hemm tweġiba. Jekk se nagħmlu mistoqsijiet ulterjuri, aħna qed ngħidu …

**IĊ-CHAIRPERSON:** Mhux ulterjuri dawn.

**ONOR. ALEX MUSCAT:** Ulterjuri. Hawnhekk għandna b'mod ċar. Hawn spjegazzjoni. Tgħidli jien mhux qed togħġobni l-ispjegazzjoni.

**ONOR. GRAHAM BENCINI:** L-invoices hemmhekk qegħdin?"

Imbagħad l-Onor. Alex Muscat reġa' qal:

"**ONOR. ALEX MUSCAT:** Jien qed nara r-risposti li ntbagħtu, jiġifieri qed nara b'mod ċar li dak li staqsejna aħna ngħatajna t-tweġiba tiegħu."

Iċ-Chairperson hawn ma qabilx.

Finalment f'din il-laqgħa ġie maqbul hekk, u nikkwota:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Għaliex inkella se nibqgħu għaddejjin b'din il-biċċa xogħol. Il-Kumitat fi Frar kien qabel dwar dik il-pożizzjoni. Kien hemm domandi li saru li ma

ngħatatx l-informazzjoni għalihom. Kienet ġiet spjegata. Il-membri tal-Gvern, kif għedt l-ewwel, mhux se nerġa' nirrepeti, ma kellkomx oġġezzjoni għad-domandi. Jiġifieri l-Kumitat reġa' bagħat id-domandi li ma kienx hemm risposti għalihom. Għalhekk nemmen li llum, fl-4.30 p.m., għandi nitla', insemmi u nagħmel referenza għal dik il-laqgħa, nuri x'kien talab il-Kumitat u ċjoè l-ammonti, lil min tħallsu u għal xiex intefqu flimkien mal-invoices tagħhom, kien hemm il-qbil tal-Kumitat, dawn l-affarijiet għadhom ma waslux minn Frar sal-lum u għaldaqstant nitolbu l-gwida tal-Ispeaker kif jitolbu r-regolamenti tal-Parlament. Qed nifhem li din hija s-sitwazzjoni tal-lum. Mhux se noqgħod nagħmel battibekki dwar x'qal dak u x'qal l-ieħor għaliex it-transcript jitkellem waħdu. U għaldaqstant inkunu qegħdin nitolbu l-gwida fil-Kamra lill-Ispeaker f'dak il-mument.

**ONOR. ALEX MUSCAT:** M'għandniex oġġezzjoni li naħdmu hemmhekk. Biex tkun ċara, se tkun qed tagħmel din il-mistoqsija għan-nom tal-membri tal-Oppożizzjoni u nitolbok biex tippreċiżaha anke mal-Ispeaker.

**IĊ-CHAIRPERSON:** M'għandi l-ebda problema."

Is-Sedja rat ukoll id-dokumenti li ġew mgħoddija flimkien mal-estratt tat-traskrizzjoni tal-laqgħa tal-25 ta' Frar 2025, fejn kien hemm korrispondenza permezz ta' diversi emails bejn is-Segretarja tal-Kumitat is-Sa Anna Brincat u s-Sur Matthias Buttigieg għal Screen Malta. F'email mibgħuta fil-15 ta' Mejju 2025, is-Sa Brincat kitbet lis-Sur Johann Grech, li huwa ċ-Chairperson tal-Malta Film Commission, hekk:

"Ippermettili nfakkrek li waqt ix-xhieda tiegħek fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, li saret ilbieraħ, il-Kumitat talbek sabiex tibgħat din l-informazzjoni:

- Spjega ta' għalfejn fis-Supplementary Financial Estimates għas-sena 2024 l-Malta Film Commission kellha approved recurrent estimate ta' €1.8 miljun meta l-actual recurrent expenditure kien ta' €8.9 miljun u kif din iż-żieda ġiet issustanzjata; u
- Breakdown tan-nefqa tal-€560,000 fuq NACE Code 59 li semmejt waqt l-istess xhieda, u l-ġustifikazzjoni għaliha."

Din kienet l-email bit-talba li saret għan-nom tal-PAC, mibgħuta mis-Segretarja tal-Kumitat.

Fir-risposta illi finalment intbagħtet fil-21 ta' Lulju 2025, minn Matthias Buttigieg minn Screen Malta, fejn jagħmel referenza għal din l-email u jgħid hekk:

"B'referenza għall-korrispondenza tiegħek permezz tal-email, niġbed għall-attenzjoni tiegħek il-punti li ġejjin:

**Mistoqsija 1: Spjega ta' għalfejn fis-Supplementary Financial Estimates għas-sena 2024 il-Malta Film Commission kellha approved recurrent estimate ta' €1.8 miljun meta l-actual recurrent expenditure kien ta' €8.9 miljun u kif din iż-żieda ġiet issustanzjata**

Ngħarraf lil dan il-Kumitat bid-dettalji li ġejjin:

L-ammont ta' €2.02 miljun jirreferi għal talba relatata ma' virement intern, u mhux għal fondi addizzjonali.

L-ammont ta' €2.3 miljun għandu l-oriġini tiegħu f'talba sottomessa fl-2023, iżda li ġiet effettwata f'termini ta' baġit finanzjarju fl-2024.

F'Mejju tal-2024, saret talba ta' €1.5 miljun filwaqt li f'Diċembru tal-2024 saret talba oħra ta' €3 miljun.

Kull waħda minn dawn it-talbiet kienet approvata mill-Ministeru għat-Turiżmu u mill-Ministeru għall-Kultura rispettivament, skont il-proċeduri amministrattivi stabbiliti.

Nagħmel referenza wkoll lil dan il-Kumitat li l-line item 6783 għall-2023 u l-2024 jammonta għal €3.4 miljun għal sentejn. Kif spjegat f'laqgħa preċedenti ta' dan il-kumitat, l-ispejjeż relatati mal-Mediterrane Film Festival għall-edizzjonijiet tal-2023 u tal-2024 jammontaw għal €4 miljuni u €5 miljuni għal dawk is-sentejn rispettivament.

In konklużjoni, dawn l-erba' talbiet li saru fis-snin 2023 u 2024 jinkludu dan li ġej:
1. Trade payables li jmorru lura għal snin preċedenti;
2. Talbiet addizzjonali marbuta ma' inizjattivi u investimenti ġodda li jkunu ġew approvati fi ħdan is-sena kalendarja, bħal Mediterrane Film Festival;
3. Spejjeż rikorrenti relatati ma' skemi bħal ma hi Creative Malta. Għalkemm dawn l-iskemi ma baqgħux jaqgħu taħt il-portafoll tal-Malta Film Commission fl-2024, l-ispiża tagħhom kompliet tintlaħaq sal-konklużjoni tal-iskema rispettiva. Minħabba li dawn l-ispejjeż ma kinux ibbaġitjati, ġew sottomessi talbiet addizzjonali sabiex ikunu jistgħu jiġu assorbiti bħala nefqa rikorrenti.

**Mistoqsija 2: Breakdown tan-nefqa tal-€560,000 fuq NACE Code 59 li semmejt waqt l-istess xhieda, u l-ġustifikazzjoni għaliha.**

| NACE Code | EUR |
|---|---|
| 59.11 - Motion picture, video and television programme production activities | 524,600.14 |
| 59.12 - Motion picture, video and television programme post-production activities | 16,873.50 |
| 59.14 - Motion Picture Projection Activities | 18,247.22 |
| Grand Total | 559,720.86 |

Hawnhekk issib il-link għad-dokument tal-Eurostat li joffri spjega teknika u deskrizzjoni dettaljata tan-NACE codes:

https://ec.europa.eu/eurostat/documents/3859598/21633320/KS-GQ-24-007-EN-N.pdf/c7bf48f9-cd00-8fe4-1231-d4a1e4c695a2?version=2.0&t=1749550190937

Rigward il-parti tal-ġustifikazzjoni, ġentilment nirreferik għax-xhieda tal-Kummissarju fuq dan is-suġġett waqt il-laqgħa tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi.

Nirringrazzjak u nselli għalik,
MATTHIAS BUTTIGIEG
Private Secretary to the Film Commissioner".

Is-Sedja, wara li rat ukoll dak li ntqal fil-laqgħa tal-25 ta' Frar 2025, waqt li kien qed jixhed is-Sur Anthony Gatt, li dak iż-żmien kien il-Permanent Secretary fi ħdan il-Ministeru relattiv, tikkwota osservazzjoni li saret mill-Onor. Graham Bencini:

> "**ONOR. GRAHAM BENCINI:** Sur Gatt, aktar qabel għamilt aċċenn għall-audit report tal-MFC, imħejji minn Grant Thornton, u kkwotajt parti minnu. Il-fatt li ġew kompletati l-audits, ifisser li l-informazzjoni ngħatat mill-MFC lill-awdituri, Grant Thornton. Mela għal liema raġuni lill-Grant Thornton tawhom l-informazzjoni, imma l-istess informazzjoni ma ngħatatx lill-NAO la diġà kienet eżistenti?"

Hawnhekk is-Sur Anthony Gatt kien wieġeb hekk:

> "**IS-SUR ANTHONY GATT:** Onor. Bencini, m'għandix dik l-informazzjoni. Kif diġà għedt, ikun tajjeb li dawn il-mistoqsijiet jiġu magħmula direttament lill-Kummissjoni nnifisha. M'għandix lanqas l-informazzjoni jekk kinux l-istess dokumenti. Jien ma nafx x'jirrikjedi eżatt an audit report, jew x'irrikjeda dan l-audit report li għamilna riferenza għalih hawnhekk, għax ovvjament ma kontx involut fih minħabba li kien bejn il-Kummissjoni u l-kumpanija nnifisha, f'dan il-każ Grant Thornton, u allura ma nistax inwieġeb id-domanda."

Minn hawn joħroġ ċar illi d-dettalji tal-ħlasijiet u d-dokumenti li jissapportjaw dawn il-ħlasijiet bilfors kienu għas-sodisfazzjoni tal-audit firm li għamlet l-audit tal-Malta Film Commission, ċjoè l-kumpanija Grant Thornton.

Is-Sedja tibda billi tfakkar illi skont il-linji gwida li jirregolaw xhieda mogħtija lill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi:

> "20. Witnesses are to answer questions put to them carefully, fully and honestly."

Għaldaqstant is-Sedja fiċ-ċirkostanzi tara illi l-membri tal-Kumitat dwar il-Kontjiet Pubbliċi, jekk l-istess Membri jaqblu dwar dan, għandhom jiddeċiedu jekk jibagħtux mill-ġdid għas-Sur Johann Grech biex jagħti aktar dettalji dwar l-informazzjoni mitluba. Din hija d-direzzjoni li qiegħda tagħti s-Sedja, u dan ukoll fid-dawl ta' dak li jgħid l-Erskine May dwar il-ħidma tal-Public Accounts Committee[1], u nikkwota:

> "The committee has a particular duty to look at excess votes,… the questions on which cannot be put under the provisions of Standing Order No. 55(3) unless the committee has reported that it sees 'no objection to the sums necessary being provided by excess vote'. It is also notified when a government department intends to take on a contingent liability in excess of £300,000, and where the Government proposes not to follow normal practice in relation to contingent liabilities."

Aktar u aktar meta allura jrid ikun hemm aktar spjegazzjoni fuq l-ammont indikat fit-talba tal-istess Chairperson tal-Public Accounts Committee, l-Onor. Darren Carabott.

Ir-ruling huwa deċiż.

---

[1] Committee of Public Accounts (Public Accounts Commit https://erskinemay.parliament.uk/section/5950/committee-of-public-accounts-public-accounts-committeetee) - Erskine May - UK Parliament